MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 809/2008

**Ljutomir u Jacqueline konjuġi Durovic f'isimhom proprju u bħala kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Jelena Durovic**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' l-atturi ppreżentat fit-8 ta' Awissu, 2008 li permezz tiegħu esponew bir-rispett:

1. Illi fl-Att tat-Twelid numru 1601 ta' l-1992, liema att jirreferi għat-twelid ta' bint l-istanti, Jelena Durovic, kopja ta' liema att tinsab hawn annessa u mmarkata "Dok. A" kunjom l-esponenti hu ndikat bħala "Djurovic" kif ukoll huwa ndikat bħala "Djurovic" kunjom il-missier ta' missier it-tarbija;

2. Illi fl-Att taż-Żwieg numru 1770 ta' l-1991, liema att jirreferi għaż-żwieg ta' l-esponenti Ljutomir Durovic ma' Jacqueline Cassar u li kopja tiegħu tinsab hawn annessa u mmarkata "Dok. B" il-kunjom tar-raġel hu ndikat bħala "Durovic";

3. Illi b'konsegwenza ta' tali ndikazzjonijiet żbaljati fl-imsemmi Att tat-Twelid numru 1601 ta' l-1992, l-imsemmija Jelena Durovic hi konsistentement rikonoxxuta bħala "Jelena Djurovic" mill-awtoritajiet ċivili u dan a differenza ta' l-istanti u tal-membri l-oħra tal-familja Durovic;

4. Illi bint l-atturi Jelena hi fil-fatt magħrufa bħala Jelena Durovic u mhux bħala Jelena Djurovic;

5. Illi l-esponenti għandhom interess illi l-att tat-twelid ta' binthom jiġi korrett sabiex jirrifletti l-istat attwali;

Illi r-raġuni tat-talba hi li filwaqt li l-esponenti huma magħrufin bil-kunjom "Durovic", kunjomhom fl-Att ta' Twelid ta' binthom minuri Jelena hu ndikat bħala "Djurovic" u għalhekk hemm lok li l-konvenut jiġi ordnat jagħmel korrezzjoni fl-atti relattivi ta' stat ċivili;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tordna korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid numru 1601 ta' l-1992 fis-sens illi l-indikazzjoni tal-kunjom tal-missier u ta' l-omm tat-tarbija kif ukoll tal-kunjom tal-missier ta' missier it-tarbija jiġi ndikat bħala "Durovic";

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa hu nġunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata filt-25 ta' Novembru 2008 li permezz tagħha qal bil-qima:

1. Illi l-esponent mhux edott mill-fatti kif dedotti fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar il-mertu a savju ta' din l-Onorabbli Qorti, pero' jirrileva li jirriżulta mill-Att tat-Twelid li għandu n-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1601 tas-sena 1992 li d-dikjaranta fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri in kwistjoni kienet ir-rikorrenti stess Jacqueline Djurovic.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li m'għandux ibati spejjeż ta' l-istanti *stante* li d-dikjaranta kienet obbligata li tivverifika li l-informazzjoni li ddikjarat u ffirmat għaliha kienet korretta.

3. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu l-esponent x'jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-affdavit ta' l-attriċi Jacqueline Durovic;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni *ai termini* ta' l-artiklu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li tagħti dritt ta' azzjoni biex jiġi korrett xi att ta' l-istat ċivili ta' persuna.

Jirriżulta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati billi sar żball pero' mhux imputabbli lill-konvenut illi allura ma għandux jeħel spejjeż.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi;

L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------